31988D0381

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-24 ta' Ġunju 1988
li tikkonċerna suppliment, dwar il-carbon tetrachloride, għall-Anness IV għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tar-Rhine mit-Tinġis Kimiku

(88/381/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 130 S, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (2),

Billi, bid-Deċiżjoni 77/586/KEE (3), il-Komunità approvat il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tar-Rhine minn Tinġis Kimiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa bħala l-"Konvenzjoni Kimika", u l-Ftehim Addizzjonali għall-Ftehim ifirmat f'Berne fid-29 ta'April 1963 li jikkonċerna l-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tar-Rhine mit-Tinġis, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-"Kummissjoni Internazzjonali";

Billi, taħt l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Kimika, il-Kmmissjoni Internazzjonali tipproponi limiti ta' skarikar ta'ċerti sostanzi fl-ilma tal-wiċċ tal-baċin tar-Rhine permezz ta' emendi għall-Anness IV għall-Konvenzjoni Kimika; billi, taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Kimika, aċċettazzjoni unanima mill-Partijiet Kontraenti hija meħtieġa biex dawk l-emendi jidħlu fis-seħħ;

Billi l-Kummissjoni Internazzjonali stabbilixxi limiti għall-*carbon tetrachloride* fil-forma ta' proposta maħsuba biex tissupplimenta l-Anness IV għall-Konvenzjoni Kimika;

Billi d-Direttiva 86/280/KEE (4) timponi limiti għall-iskarikar ta' *carbon tetrachloride* fl-ambjent akkwatiku tal-Komunità; billi l-limiti huma identiċi għal dawk proposti mill-Kummissjoni Internazzjonali;

Billi hu desiderabbli illi l-Komunità, bħala Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni Kimika, tadotta l-proposta fuq imsemmija,

IDDEĊIDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-proposta mill-Kummissjoni Internazzjonal għall-Protezzjoni tar-Rhine mit-Tinġis, intiża biex tissupplimenta, in rigward tal-*carbon tetrachloride*, l-Anness IV għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tar-Rhine mit-Tinġis Kimiku, hija hawnhekk adottata għan-nom tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tal-proposta hu anness ma' din id- Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika lill-Gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera, skond il-proċeduri stabbiliti mill-Konvenzjoni Kimika, ta' l-adozzjoni tal-proposta msemmija fl-Artikolu 1.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Ġunju 1988.

F'isem il-Kunsill

Il-President

M. BANGEMANN

(1) Opinjoni mogħtija fil-15 ta' Ġunju 1988 (s' issa għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(2) ĠU C 356, tal-31.12.1987, p. 68.
(3) ĠU L 240, tad-19.9.1977, p. 19.
(4) ĠU L 181, ta' l-4.7.1986, p. 16.

Proposta mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjon tar-Rhine mit-Tinġis Kimiku intiża biex tissupplimenta l-Anness IV għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tar-Rhine mit-Tinġis Kimiku ffirmata f'Bonn fit-3 ta' Diċembru 1976

IL-KUMMISSJONI INTERNAZZJONALI GĦALL-PROTEZZJONI TAR-RHINE MIT-TINĠIS,

Wara li kkunsidrat l-Konvenzjoni għall-protezzjoni tar-Rhine mit-Tinġis Kimiku, iffirmata f'Bonn fit-3 ta' Diċembru 1976,

Wara li kkunsidrat b' mod partikolari l-Artikoli 3, 4, 5 u 14 tagħha,

TIPPROPONI LILL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦALL-KONVENZJONI

illi l-Anness IV għall-Konvenzjoni jiġi supplimentat kif ġej in rigward il-*carbon tetrachloride*:

Sustanza jew grupp ta' Sustanzi	Oriġini	Limitu f'temini ta' konċentrazzjoni massima ta' sostanza	Limitu f'termini tal-kwantità ta' sostanza	Terminu ta' żmien għall-iskarikar	Rimarki
1	2	3	4	5	6
Carbon tetracloride	1. Produzzjoni ta' carbon tetrachloride permezz ta' perchlorination mingħajr ħasil	1,5 mg kull litru ta' skarikar	2,5 grammi ta' *carbon tetrachloride* kull tunnellata tal-kapaċità tal-produzzjoni ta' *carbon tetrachloride* u ta' *perchloroethylene*	fl-1 ta' Jannar 1988.	(1), (2), (3), (4), (5)
	2. Produzzjoni ta' *chloromethanes* permezz ta' klorinazzjoni ta' metanu (inkluż l-eletrolisi chlor-alkali bi pressjoni għolja) u mill-metanolu	1,5 mg kull litru ta' skarikar	10 grammi ta' *carbon tetrachloride* kull tunnellata mill-kapaċità totali tal-produzzjoni ta' *chloromethanes*	fl-1 ta' Jannar 1988.	(1), (2), (3), (4), (5)
	3. Konversjoni fi chlorofluorocarbons				(6)

(1) Il-limitu mogħti fit-tabella jirreferi għall-valuri massimi tal-konċentrazzjonijiet bejn wieħed u ieħor ta' kull xahar (limiti espressi bħala konċentrazzjoni) jew għall-iskarikar ta' kull xahar limiti espressi bħala piż).

Il-kwantitajiet ta' *carbon tetrachloride* skarikati huma espressi bħala funzjoni ta' l-element ta' l-attività tat-tinġis i.e. għas-settur li jipproduċi l –*carbon tetrachloride* permezz ta' perklorinazzjoni, it-total tal-produzzjoni ta' *carbon tetrachloride* u *perchloroethylene* ta' l-impjant industrijal: għas-settur li jipproduċi l-*chloromethanes* permezz tal-klorinazzjoni tal-metanu jew mill-metanol, il-kapaċità totali ta' *chloromethanes* ta' l-impjant industrijali.

(2) Ikun xi jkun il-każ, il-limiti espressi in termini ta' konċentrazzjoni massima ma jistax ikun ogħla minn dawk espresso f'termini ta' kwantità massima diviża bil-ħtiġijiet ta' l-ilma in rigward ta' l-elementi karatteristiċi ta'l-attività li tikkawża t-tinġis.

Madankollu, billi l-konċentrazzjoni ta' *carbon tetrachloride* fl-iskarikar tiddependi mill-volum ta' l-ilma involut, li jvarja skond skond il-proċessi differenti u l-impriżi, dejjem għandu jkun hemm l-oservanza tal-limitu espress f'termini tal-kwantità tal-*carbon tetrachloride* in rigward ta' l-element karatteristiku ta' l-attività illi tikkawża t-tinġis.

(3) Il-limiti stabbiliti fit-tabella ta' hawn fuq jirreferu għall-kontenut ta' *carbon tetrachloride* f'kampjun ta' l-iskarikar kollu mis-sit ta' l-impjant industrijali.

Fejn l-ilma maħmuġ li jkollu l-*carbon tetrachloride* jiġi ttrattat barra mill-impjant industrijali f'impjanti magħmul biex jeliminah, il-gvernijiet jistgħu jippermettu l-limiti japplikaw fil-punt fejn l-ilma maħmuġ l-impjant tat-trattament.

In vista tal-volatilità tal-*carbon tetrachloride* u biex jevitaw li t-tinġis jiġI ttrasferit għal *mediums* oħra(l-arja, il-ħamrija), fejn jintuża proċess illi jehtieġ l-aġitazzjoni fl-arja aperta ta' l-iskarikar li jkollu l-*carbon tetrachloride*, il-gvernijiet jehtieġu l-osservanza mal-limti 'l fuq mill-impjant korrespondenti. Għandhom jiżguraw li l-ilmijiet kollha li jistgħu jitniġġsu jittiħdu kompletament in konsiderazzjoni.

(4) Il-limitu varju ta' kuljum huma d-doppju tal-medda korrespondenti varja ta' kjull xahar murija fit-trabella.

(5) Għall-kejl, l-analizzar u metodi ta' tehid ta' kampjuni, ara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali tat-3 ta' Ġunju 1986.

(6) Mhux possibbli llum li jiġu adottati limit għal dan is-settur. Il-Kumitat Internazzjonali għandu jipproponi tali limiti lill-Partijiet Kontraenti f'data aktar tard.

Jekk meħtieġ il-limiti għal setturi oħra industrijali, bħalma huma stabbilimenti li jużaw il-*carbon tetrachloride* bħala *solvent*, għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni Internazzjonali aktar tard. Fil-frattemp, il-gvernijiet għandhom jiffisaw standards ta' emissjoni għall-*carbon tetrachloride* awtonomament skond l-Artikoli 3 u 4 tal-Konvenzjoni.

Dawn l-*istandards* għandhom jieħdu in konsiderazzjoni l-aħjar mezzi tekniċi disponibbli li m'għandhomx ikunu anqas strinġenti mill-eqreb limiti komparati fl-Anness IV.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu japplikaw ukoll fejn stabbiliment industrijali jagħmel attivitajiet oħra li għalihom ma hemmx limiti stipulati fit-tabella fuq imsemmija li x' aktarx jipproduċu skarikament ta' *carbon tetrachloride*.

Skond l-Artikoli 14 u 19 tal-Konvenzjoni, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ wara li jiġu adottati unanimament mill-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lill-Gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera li għandu jwieġeb meta jirċevi n-notifika.